**9 ta' Jannar, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Wallace Ph. Gulia B.A., LL.D. B.Sc., Ph.C., M.A.(Admin)(Manch) D.P.A.(Lond)**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Abdilla

**Rikors ta' Appell – Isem tal-Qorti li Fih jiġi Ppreżentat – Nullità**

*Għalkemm il-Qorti għandha tfittex il-prattiċità flok tfettaq fl-eżattezzi li jistgħu jwasslu biss għall-proliferazzjoni tal-kawżi, l-isem tal-Qorti li quddiemha jiddaħħlu l-iskritturi għandu jitnizzel fl-iskrittura li tkun bil-preċiżjoni kollha.*

*Il-Qorti m'għandhiex tieħu konjizzjoni tal-kontenut tar-rikors biex jiġi ċċarat quddiem liema qorti ġiet ippreżentata l-iskrittura.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati, għall-gżira ta' Malta tat-18 ta' Lulju, 1988 fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Anthony Abdilla, fuq l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat fuq talba tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi talli fi *plot* 10, Triq il-Fossa tal-Qamħt, Żejtun, għamel xogħol ta' bini mingħajr il-permessi neċessarji tal-P.A.P.B. Li biha sabet lill-imputat ħati skond l-akkuża u wara li rat l-art. 16 u 17 Kap. 10;

Ikkundannatu Lm50 multa u tatu żmien tliet xhur biex jottempera ruħu mal-pjanti approvati taħt penali ta' Lm25 kuljum fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-istess Anthony Abdilla;

*Omissis;*

Rat li fl-ewwel udjenza l-Prosekuzzjoni eċċepiet in-nullità u l-irritwalità tar-rikors ta' l-appell stante li dan ġie ppreżentat quddiem Qorti li mhix din il-Qorti u li hija mhix kompetenti tieħu konjizzjoni tal-mertu tar-rikors. Fiċ-ċirkostanzi d-Difiża talbet il-korrezzjoni ta' l-intestatura "Fil-Qorti Kriminali (Sede Appell)" bis-sostituzzjoni tal-kliem "Fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali". Il-Prosekuzzjoni insistiet li din it-talba ma tistax tintlaqa' għax tammonta għal tibdil tal-Qorti meta ġiet oriġinarjament addetta meta kien ippreżentat ir-rikors ta' l-appell;

Ittrattat l-eċċezzjoni preliminari;

Ikkunsidrat illi tassew li fis-seklu għoxrin it-tendenza legali kjarament hija dik li l-Qorti tfittex il-prattiċità flok tfettaq fl-eżattezzi li jistgħu jwasslu biss għall-proliferazzjoni tal-kawżi, li żdiedu, u qegħdin jiżdiedu, b'mod kważi allarmanti, partikolarment quddiem din il-Qorti biż-żieda fil-ġursidizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja. B'danakollu l-proċeduri legali jitolbu li l-isem tal-Qorti li quddiemha jiddaħħlu l-iskritturi għandu jitnizzel fl-iskrittura li tkun bil-preċiżjoni kollha, tant li l-artikolu 419 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi n-nullità fir-rikorsi li ma jkollhomx l-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji u l-artikolu 174(1)(a) tal-Kodiċi tal-Proċedura

Ċivili jispeċifika li l-iskritturi għandu jkun fihom "l-isem tal-Qorti li fiha tiġi ppreżentata". Issa f'dan il-każ ir-rikors hu intestat "Fil-Qorti Kriminali (sedi ta' l-appell"). Din l-intestatura x'aktarx li kienet tiftiehem ċar fis-sistema tal-Liġi Kriminali Maltija qabel ma daħlu fis-seħħ l-emendi dwar id-diversi sistemi ta' l-appell fid-diversi livelli tal-Liġi Kriminali, bħala riferenza għall-Qorti Kriminali li lilha kienu jsiru l-appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja; u din il-Qorti, kif preseduta, mingħajr eżitazzjoni kienet tilqa' t-talba għall-korrezzjoni mitluba biex l-isem jiġi ppreċiżat, bħala dak ta' din il-Qorti, peress li sostanzjalment l-intestatura kienet tinftiehem bħala riferenza ċara għal din il-Qorti;

Iżda wara l-emendi ta' żmienna fil-Kodiċi Kriminali dwar l-appelli kriminali din l-intestatura ma jistax jingħad iktar li tirriferi biss għal din il-Qorti, u dana peress li llum is-sistema kriminali tagħna tirrikonoxxi lil (a) din il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (artikolu 417) li għandha tkun ikkostitwita kif jispeċifika l-artikolu 418 tal-Kodiċi Kriminali biex tisma' u tiddeċidi appelli mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja u (b) il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (artikolu 497 – 515) biex tisma' u tiddeċidi appelli minn sentenzi kriminali kif indikat fit-Titolu V ta' l-Ewwel Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk tqum waħidha l-mistoqsija: Għal liema Qorti qiegħed jirriferi r-rikors bl-intestatura tiegħu "Fil-Qorti Kriminali (sedi ta' l-appell)? It-tweġiba għal din il-mistoqsija tista' tinstab biss jekk il-Qorti tieħu konjizzjoni tar-rikors billi mill-kontenut tiegħu dwar fatti u aggravji, il-posizzjoni tista' tkun iċċarata; iżda dan huwa dak li preċiżament il-liġi ma tridx billi jekk ir-rikors ma jkunux fih "l-isem tal-Qorti li fiha (l-iskrittura) tiġi ppreżentata" l-iskrittura ġudizzjarja ssir irrita u nulla u "*quod nullum est, nullum producit effectum*".

Konsegwentement l-anqas ma tista' tikkontempla l-korrezzjoni mitluba li jkollha l-effett li tagħti l-ħajja lil dak li huwa mejjet u dan partikolarment meta jkun ilu li skada ż-żmien għall-preżentazzjoni ta' rikors ta' appell validu fit-termini tal-liġi;

Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċidi li għandha tilqa' l-eċċezzjoni mqanqla mill-Avukat Ġenerali u tiddikjara r-rikors ta' l-appell irritu u null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.